# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, it-Tlieta 5 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 36.**
**Citazz. Nru. 350/01 JRM**

**KORPORAZZJONI ENEMALTA**

**vs**

**Paul ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut fid-19 ta' Settembru 1999 ikkawza danni fil-proprjeta' tal-mittenti f'Notabile Road, Mriehel, kif jidher minn dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok "A";

Illi d-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi proprjeta jammontaw ghal elf mija u sebgha u erbghin liri maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,147.32);

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont fuq indikat permess ta' ittra ufficjali datata Lulju 2000, hu baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kkawzata fil-proprjeta tal-attur nomine f'Notabile Road, Mriehel fid-19 ta' Settembru 1999;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elf mija u sebgha u erbghin liri maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm1,147.32) in linea ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprieta kif fuq premess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Lulju 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kkawzata fil-proprjeta tal-attur nomine f'Notabile Road, Mriehel fid-19 ta' Settembru 1999, u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' elf mija u sebgha u erbghin liri maltin u tnejn u tletin centemu (Lm1,147.32) in linea ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta kif fuq premess, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Lulju 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2001.**